# Kontrol ta' L-Aċċess Għall-Vetturi
# Il-Majjistral-Park ta' Natura u Storja

Għażiż Applikant,

Qed tirċievi din l-ittra peress li wrejt interess li tingħata permess ta' aċċess fil-park tal-Majjistral. Din l-ittra qed tiġi mibgħuta lilek biex tingabar l-informazzjoni meħtieġa biex l-applikazzjonijiet ikunu jistgħu jiġu proċessati. Dan qed isir ukoll b'referenza għal-laqgħa li l-Kunsill Lokali tal-Mellieħa kien għamel xi żmien ilu.

Il-kontrol tal-aċċess fil-park tal-Majjistral ġie magħruf bħala parti essenzjali għall-management tal-post. Il-fatt illi l-post ġie suġġett għal ħafna żmien ta' użu u dħul veikulari mingħajr kontroll irriżulta f'żoni ġol-park li ġew degradati sal-punt illi kien hemm telf ta' ħabitat u ħamrija. Il-fraġilità tal-post ma' tiflaħx għal aċċess bil-karozzi u għal daqstant il-Management iddeċieda illi d-dħul bil-karozzi għandu jiġi limitat għal dawk illi għandhom dritt ta' aċċess, bħal bdiewa li għandhom l-art fil-park u dawk illi għandhom xi interess fil-park. L-aċċess bil-mixi se jkun permess fil-park kollu.

Il-kontroll tal-aċċess ħa jiffoka u jiggarantixxi li dawk kollha li għandom dritt jidħlu fil-post jingħataw il-permess biex jidħlu bil-karozza privata tagħhom. B'dan il-mod ħa nkunu wkoll qegħdin niggarantixxu li l-post ħa jgawdi minn ħarsien ambjentali aħjar u aktar sostenibbli. Il-ħsara ambjentali li kienet qed issir fil-post ħa tiġi kkontrollata ukoll billi dawk in-nies li ma għandhomx interess dirett fil-post mhux ħa jkunu jistgħu jidħlu. Għalhekk rimi ta' skart domestiku u ħsara oħra relatata ma aċċess bil-vetturi, bħal "scramblers" u "off-roading" ħa tonqos drastikament. Il-managers tal-park ħa jkunu qegħdin jippromwovu stil ta' ħajja li jinvolvi l-eserċizzju fiżiku, opportunitajiet illi iżżur il-park ma' gwida kompetenti, u attivitajiet rikreattivi oħra.



1990's Aerial Photo (Source MEPA)

Għall-aktar informazzjoni ikuntattja lill:
Heritage Parks Federation fuq:
21521291 jew info@majjistral.org



1950's Aerial Photo (Source MEPA)

## Min ħa jingħata il-permess għall-aċċess?

- Dawk il-persuni li għandhom xi forma ta' interess fil-park ħa jingħataw permess għall-aċċess bil-vetturi privati tagħhom.
- Il-permessi ħa jkunu maħruġa minn Bord magħmul minn rappreżentant tal-Heritage Parks Federation u rappreżentant tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa.
- Permessi speċjali se jinħarġu, fuq bażi temporanju, għal dawk in-nies li għandhom bżonnijiet speċjali. Dawn il-permessi jistgħu jiġu downloaded minn fuq il-website tal-park (www.majjistral.org).
- Għal kull applikazzjoni approvata ħa jkun hemm miżata ta' €5 biex tkopri spejjeż relatati mal-proċess tal-applikazzjoni u l-għoti taċ-ċavetta.

## X'għandek tibgħat ma l-applikazzjoni?

- Kopja tal-karta tal-identità.
- Kopji ta' kuntratti ta' kiri tal-art u strutturi imsemmija fil-park.

## Fejn ħa jitwaħħlu l-Gradi?

B'kollox ħa jitwaħħlu total ta' erba' barriers, li ħa jkunu qegħdin:

Grada numru 1: In-Naħħalija

Grada numru 2 u 3: Ix-Xagħra l-Ħamra

Grada numru 4: Għajn Żnuber

Iż-żoni tal-Minżel tal-Majjiesa, il-Qasam Barrani u l-bajja tal-

# Vehicular Access Control
# Majjistral Nature and History Park

Dear Applicant,

You are receiving this letter since you have shown interest in acquiring a vehicular access permit to the Majjistral Park. This letter is also being sent as part of a data collection exercise that is needed to process eventual applications. This is also being done with reference to a meeting organised some time ago by the Mellieħa Local Council.

Vehicular access control has been recognised as an essential part in the management of the Majjistral Park. Many years of unmonitored access by motor driven vehicles have resulted in degraded areas subject to habitat loss and soil erosion. It has to be understood that the fragility of the areas' ecosystem cannot sustain access by vehicles. In this regard the management has come up with the idea that vehicular access to the area should be limited to those that work or lease land situated in the Park. Access on foot will be permitted throughout the park.

Vehicular access control will focus on guaranteeing right of entry to legitimate park users. In this way we will also be guaranteeing a cleaner environment and sustainable use of the area. The damage that the area has sustained in the past, as a consequence of scramblers and off-roading, will be lessened through this project since vehicular access will be minimised and with that also the chances of dumping. It will also develop opportunities, including a programme of events, walks and other activities that encourage healthy lifestyles among the area's residents and visitors.

For more info visit: www.majjistral.org



1990's Aerial Photo (Source MEPA)

For more information contact
Heritage Parks Federation:
21521291 or info@majjistral.org



1950's Aerial Photo (Source MEPA)

## How will the system of permit granting work?

- Those that have a form of interest in the park will be given access authorisation.
- Permits will be issued through a Board made up of a representative from the Heritage Parks Federation and the Mellieħa Local Council.
- Special permits will be issued, upon request, to persons with special needs. These will be granted on temporary basis. Application forms will be available on the parks' website www.majjistral.org.
- An administration fee of €5 will be charged for approved permits in order to cover the costs related to the processing of the application and issuing of the key.

## What needs to be submit with the application?

- A copy of the identity card.
- Copies of contracts or any other proof of ownership for leased lands and structures within the park.

## Where will the barriers be installed?

Four barriers will be installed in all, these being:

Barrier number 1: In-Naħħalija
Barrier number 2 and 3: Ix-Xagħra l-Ħamra
Barrier number 4: Għajn Żnuber